MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1116/2004

**Dr. Anthony DeGaetano LL.D ezercitanti l-kummerc taht l-isem "Legal Publishing (Enterprises)"**

**vs**

**Fenici Insurance Brokers Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' sitt mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm681.75) rapprezentanti prezz ta' materjal stampat u oggetti relatati, mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta konvenuta u dana skond ftehim ta' "subscription" li sar bejn l-attur nomine u l-istess socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri legali li gew mibghuta, bl-imghax, u b'hekk s-socjeta konvenuta tibqa minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex s-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm s-socjeta konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' sitt mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm681.75), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------